MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2008

Numru. 195/2008

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

**Dexter Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dexter Bezzina (karta tal-identita numru 546686M) u dan talli nhar il-Hadd 24 ta' Awwissu 2008 u f'dawn l-ahhar xhur fil-belt Valletta u f'postijiet ohra fil-gzejjer Maltin:

1. B'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi, u kienu gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda ittrafika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, biegh jew qassam medicina psikotopika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat ;

2. Kellu fil-pusses tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu ;

3. U aktar talli nhar il-Hadd 24 ta' Awwissu 2008 ghall habta tal-10.30am gewwa il-belt Valletta kellu f'idejh jew garr fuqu canister tal-pepper spray kif deskritt f'Artikolu 64 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-regolamenti dwar l-armi, Kap 480 Skeda 1(8) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe hgiega ta' vetrina tal-hanut 'The Gram' sitwat 253, Triq ir-Repubblika, Valletta valur ta' izjed minn €23.29 (Lm10) izda ma jiskorrix il €116.47 (Lm50) ghad-detriment ta' George Tabone Id. 480959M.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, mahruga skond il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lill-imputat jiddikjara, fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu, illi hu hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ghaldaqstant, Il-Qorti ssib lill-istess akkuzat hati talli nhar il-Hadd 24 ta' Awwissu 2008 u f'dawn l-ahhar xhur fil-belt Valletta u f'postijiet ohra fil-gzejjer Maltin:

1. B'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ittrafika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, biegh jew qassam medicina psikotopika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat ;

2. Kellu fil-pusses tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu ;

3. U aktar talli nhar il-Hadd 24 ta' Awwissu 2008 ghall habta tal-10.30am gewwa il-belt Valletta kellu f'idejh jew garr fuqu canister tal-pepper spray kif deskritt f'Artikolu 64 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-regolamenti dwar l-armi, Kap 480 Skeda 1(8) tal-Ligijiet ta' Malta ;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe hgiega ta' vetrina tal-hanut 'The Gram' sitwat 253, Triq ir-Repubblika, Valletta valur ta' izjed minn

€23.29 (Lm10) izda ma jiskorrix il €116.47 (Lm50) ghad-detriment ta' George Tabone Id. 480959M ;

U dan skond l-artikoli 18, 64 u 325(c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta abbinat mal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 120A 2(b)(i) u t-tielet (3) skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet u l-Avviz legali 22 tal-1985 kif emendat.

In rigward il-piena, l-Qorti kkonsidrat :-
a) l-ammissjoni bikrija maghmula mill-akkuzat,
b) il-fedina penali tieghu li kienet netta u nadifa sad-data tallum,
c) illi jista' jinghad kif jidher mill-annessa stqarrija illi l-istess akkuzat ikkollabora, kwazi pjenament, mal-Pulizija.
Pero ma setghetx tinjora l-fatt illi, kif risultanti ukoll mill-istqarrija esebita in atti, l-'ecstasy' misjuba fil-pussess tal-akkuzat kienet intiza sabiex tinbiegh minnu, illi l-akkuzat kien diga, 'ex admissis' ittraffika l-istess sustanza u illi kien ghazel li ma jikxifx il-persuna li hi l-fornitur tal-istess akkuzat.

Tenut kont ta' dak kollu premess, il-Qorti tara li l-piena specifikata mill-ligi ghandha tigi applikata b'mod effettiv f'dan il-kaz. Ghaldaqstant il-Qorti tenut kont ukoll tal-artikolu 17 in konnesjoni ma konkors ta' reati u piena tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' €465 bhala multa. Inoltre il-Qorti Tordna ukoll il-konfiska tal-'ecstasy', 'pepper spray' u flus esebiti f'dawn l-atti. In rigward l-'ecstasy', il-Qorti tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex tigi kollha kemm hi distrutta minnufih bl-obbligu li l-istess espert jirrelata dwar din id-distruzzjoni sa zmien xahar millum, il-Qorti Tordna li mill-imsemmija piena ta' prigunerija, jitnaqqas il-perjodu li l-akkuzat gia skonta taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------